bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea)
vs
Paul David Ciappara, iben Angelo, imwieled Naxxar fit-30 ta' jannar, 1962

Illum, 19 ta' ottubru, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli f'dawn il-Gżejjer, bejn it-22 ta' frar, 1999 u il-31 ta' ottubru, 2000 b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda bħala d-detentur tal-fond "Saint Paul's garage", Triq San Publiju, Naxxar jew bħala l-persuna li kellha f'idejha l-imsemmi fond, b'mezzi qarrieqa kkometta serq ta' kurrent elettriku minn l-arloġġ tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta għal Lm169.52 għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq hu aggravat bil-ħin, bil-valur u bil-mezz;
2. talli fl-istess żmien għamel ħsara volontarja fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaġuna telf ta' kurrent elettriku;
3. talli fl-istess żmien għamel ħsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista tal-elettriku jew is-siġilli tagħhom.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u b'dan il-ħati jħallas l-ispejjeż ta' l-esperti maħtura.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fl-24 ta' awissu, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' ottubru, 2001 fejn ir-rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta nforma l-Qorti li l-imputat ħallas dak kollu dovut u ma għandha ebda nteress fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' ottubru, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 270, 278(1)(2)(3) u 326(1)(ċ)(f) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Inoltre, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' Lm79.58 spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' perit.